Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 55/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

55. 1 Ittri ta' Apoloġija

55.1.1 Il-President semma li s-Sur Wayne Aqulina, is-Sur Marco Agius, is-Sur John Boxall, is-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Olaf McKay talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

55.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.53

55.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 53 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

55.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu.54

55.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 54 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

55.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 47

55.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Nigel Holland ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-21 t' Ottubru 2025 u s-17 ta' Novembru 2025 li kienet tammonta għall-€853,140.09.

55.4.2 Il-President irrimarka li f' din l-iskeda kien qed jiġi inkluż pagament lil Wasteserv relatat mar-rimi ta' skart li kien jammonta għal madwar €550,000.

55.5 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħat Nu 53 u Nu 54

55.5.1 Skema Reġjun Port	Il-President fakkar lis-Sindki sabiex jissottomettu l-claim għall-ħlasijiet mill-aktar fiss possibbli u mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025.
55.5.2 Proġett Integrarti	Il-President semma li dan il-proġett kien wieħed ta' suċċess. Semma li l-għeluq tal-proġett ser ikun nhar is-26 ta' Novembru 2025 f' Dar San Gużepp il-Fgura. Semma li ser ikun hemm it-tieni edizzjoni tal-proġett.
55.5.3 Reġjun tal-Kultura 2026	Il-President semma l-iffirmar tal-ftehim ser issir nhar 24 ta' Novembru 2025 fl-10:30am fil-Kunsill Lokali tal-Fgura. Semma li l-ftuħ uffiċjali ser issir nhar 11 ta' Jannar 2026 ġewwa Bighi. Is-Sindku tal-Floriana semma li huwa kellu problema bil-banda biex tipparteċipa għall-ftuħ tar-Reġjun tal-Kultura. Il-President informa li huwa ma kienx għad għandu d-dettalji ta' dan il-ftehim li d-Direttur Artistiku u l-Uffiċjal Maniġerjali kienu qed jagħmlu mal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota sabiex tinfurmahom sabiex iżommu kkupjat lill-President b' kull komunikazzjoni li huma jagħmlu mal-Kunsilli Lokali. Is-Sindki semmew ukoll li jista' jkun hemm problema sabiex kull lokalita' tkun koperta b' infurzar sabiex jgħaddi jgħaddi l-marċ fl-istess ħin. Is-Segretarju eżekuttiv semmiet li qabel tibda iċ-ċerimonja f' Bighi, ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara u dawk is-Sindki kollha li jixtiequ jingħaqdu ser issir waqfa fil-Kalkara waqt il-programm Bonġu Malta. Is-Sindki tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, il-Fgura u Paola kellhom probelma sabiex jinvolvi l-baned u kellhom ikomplu d-diskussjoni mad-Direttur Artistiku. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Paola ma qabilx li jagħmel li ftuħ uffiċjali nhar 11 ta' Jannar għaliex ġimgħa wara hemm il-ftuħ tal-400 sena tal-lokal.
55.5.4 Skema ta' Bike Racks minn TM	Il-President semma li dawn bdew jiġu installati skond approvazzjonijiet minn Transport Malta.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

55.5.5 Mandat ta' sekwstru – ex-Segretarju Eżekuttiv

Il-President semma li dakinhar kienet għalqet is-seduta li l-ex-Segretarju kienet fetħet kontra l-President b' mod personali. Semma li huwa kien ħareġ liberat minn kull akkuża. Semma wkoll li l-mandat għadu miżmum għaliex hija kienet appellat minn sentenza li nqetgħet favur ir-Reġjun.

55.5.6 MoU - Librara

Il-President semma li dan kien għadu pendenti għaliex ħadd ma kien wieġeb għar-rispost li r-reġjun talab u anzi kemm mill-Malta Libraries kif ukoll mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, kien hemm bħal donnu qbil li dan jitħalla kif inhu għaliex huam riedu biss jikkollaboraw u mhux joħolqu qafas ta' kif jiġi regolati ċerti rapporti amministrattivi u finanzjari.

55.5.7 Belt Kulturali Ewropea 2031

Il-President semma li wara l-laqgħa b' urġenza kien intbgħat dak kollu li kien maqbul lill-persuni kkonċernati. Semma li minkejja dan ħadd m' għadu rrisponda l-ittra.
Il-President semma li huwa f' isem ir-Reġjun u l-integrita' tal-istess Reġjun ser jibqa' jfittex ir-risposta għal dak li ġara.
Is-Sur Jorge Grech semma li r-Reġjun għandu jingħata spejgazzjoni kif ukoll għandu jingħata l-fondi lura. Il-President semma li qabel il-fondi hemm l-integrita' tar-Reġjun. L-ewwel jitwieġbu l-mistoqsijiet imbgħad issir talba għall-fondi sabiex jingħataw lura.
Is-Sindki qablu li missu minn kien ħa r-responsabbilita' li tiddaħħal l-applikazzjoni u r-riedni tal-proċess missu ra li dan issir bi professjonalita'. Semmew li huma jinstabu urtati li l-immaniġjar tal-proġett kien falliment meta r-Reġjun dejjem approva kull nefqa relatata saiex il-Fondazzjoni Kottonera tkun tista' timplimenta dan il-proġett fuq livell professjonali.

55.5.8 LESA

Il-President semma li wara li twaqqaf kull pagament ta' ħlasijiet relatati mal-ispejjeż ta' Tribunal Lokali, illum huwa kien irċieva komunikazzjoni li l-awditjar min-naħa tal-LESA kien magħluq u lesti li jħalsu. Semma li minkejja dan huwa mhux jaqbel mal-figuri għaliex tħallew barra renti għall-uffiċju amministrattiv ta' tribunal, spejjez ta' telephone system tal-amministrattiv, kif ukoll spejjeż oħra relatati mal-operat.
Is-Sur Clayton Cascun Portelli qajjem il-punt li diversi entitajiet li qed jużaw il-binjiet tal-Kunsilli Lokali għandhom iħalsu għal dan is-servizz għaliex il-Kunsilli qed jiġu mitluba li jħallsu spejjeż kbar għal kull servizz li jitolbu lill-entitajiet, speċċjalment fejn jidħol infurzar. Semma li riċentament anki fejn ikun hemm talba għall-Pulizija għall-attivita' hija l-entiat' li tiddetta kemm-il Uffiċjal għandu jkun hemm preżenti, semma li dawn il-

kontijiet qed ikunu ta' dettrement sabiex il-Kunsill jorganizza inizjattiva fil-lokal.

55.6 Komunikazzjoni mill-President

Il-President semma li r-Reġjun kien irċieva mid-Dipartiment komunikazzjoni fejn kienet stabbilita l-allokazzjoni għas-sena 2026.

55.6.1 Allokazzjoni Reġjun Port 2026

Allokazzjoni marbuta mal-operat tar-Reġjun € 750,000.00
Allokazzjoni marbuta mal-ġbir tal-iskart għall-2026 €2,321,694.64
Total Annwali € 3,071,694.64

55.6.2 Ġbir ta' skart

Is-Sur Clayton Cascun Portelli semma li l-kartun mhux jiġbru kollu għax mhux joqgħod u jkollu jmur ibattal. Il-President semma li ma jimpurtax billi jmur ibattal imma jrid ikompli jiġbor għaliex ir-Reġjun l-ġabra tar-riċiklaġġ qed titħallas waħda għall-household u oħra għall-kummerċjal.
Ir-reġjun jaqbel mal-kumment li kiteb d-Direttur fil-komunikazzjoni tiegħu meta kkomunika l-allokazzjoni għas-sena 2026 għar-Reġjun. Dan fejn qal li jekk ir-Reġjun jaħdem biex titnaqqas il-borża s-sewda ser jibqa' fondi disponibbli li r-Reġjun jista' juża' għall-affarjiet u proġetti oħra. Imma wieħed irrid ifakkar li inutli r-Reġjun jaħdem waħdu mingħajr ma jsir infurzar bis-serjeta'. Għaldaqstant dan ma jiddependiex la mir-Reġjun u wisq anqas mill-Kunsilli għaliex huma m' għandhomx l-awtorita' eżekuttiva sabiex jinfurzaw.

55.6.3 Ittra mill-Ambaxxatur tal-Kosta tal-Ivorja

Il-President semma li kien irċieva komunikazzjoni sabiex tinżamm laqgħa mal-ambaxxatur. Il-President semma li kien ser jikkomunika li r-Reġjun laqa' din l-istdiena.

55.6.4 Kitba fuq is-swar tar-Reġjun

Il-President semma li l-laqgħa bejn il-kittieb u d-direttur artistiku kienet saret u l-ktieb kien ser jinbeda.

55.6.5 Allokazzjoni Reġjun tal-Kultura 2026

Il-President semma li mal-€250,000 li kienu allokaw mill-SPI bħala fondi addizzjonali għar-Reġjun tal-Kultura 2026, ir-Reġjun kien ser iħallas il-parti finanzjarja tiegħu li tammonta għall-€25,000 li bażikament kienet parti mill-ħlasijiet tas-servizz tad-Direttur Artistiku. Kif ukoll il-President kien qed jipproponi li jiġi allokat b' kollox €400,000 sabiex is-sena tal-kultura tkun waħda ta' suċċess.
Uħud mis-Sindki kkumentaw fuq l-ispiża relatata mas-servizz tad-Direttur Artistiku, is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li liema spiża kienet approvata mir-Reġjun u wara li kien hemm sejħa

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

miftuħa, intervisti u approvazzjoni kemm mis-Segretarju Permanenti s-Sur Mahoney kif ukoll mill-Ministeru tal-Finanzi.

55.7 Aġġornament

55.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2025 fil-18:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv